KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLV/19/VI/2010.

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010 fil-5 ta' filgħaxija fil-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex.

Prezenti: Avv. Samuel Azzopardi Sindku, Marcell Tabone Vici Sindku,

Membri: Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michael Buttiġieġ,

Josef Schembri u Carmelo Theuma. Anton Zammit

a/Segretarj/Eżekuttiv

2. Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

Is-Sindku nforma lill sħabu li l-MEPA approvat it-tibdil fil-Local Plan u li l-Kunsill approva sabiex ikun jista' jsir ir-refurbishment fil-playing field.

3. Offerta għal-ġbir ta' skart

a. Il-preżenti qablu li din l-offerta titressaq quddiem board maħtur mill-Kunsill għal aġġudikament u suġġerimenti tiegħu. Għal din is-servizz nxeħtu żewġ offerti.

4. Offerta għal restawr ta' statwi antiki fit-toroq.

a. Is-Sindku nforma lill-preżenti li ġa kellu diskussjoni mal-perit tal-Kunsill dwar din l-offerta. Qablu li l-perit għandu jissottometti rapport fuq l-istatwi. Għal dan il-għan nxeħtu żewġ offerti

5. Attivitajiet għal l-aħħar tas-sena.

a. {ie diskuss li l-programm għal din l-attivita'. L-offerti rikjesti għall-okkażżjoni kienu ġa ħarġu u anke miġbura.

6. Korrispondenza

Is-Segretarju qara l-korrispondenza li waslet il-Kunsill.

6.1. Memo 95/10 – Skedma dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011. Dan il-Kunsill ġie nfurmat li ser jingħatalu 5,000 euro għall attivitat ta' l-aħħar tas-sena.

6.1.2. Memo 118/10 – Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena Hidma tal-Vodafone. Dan il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx magħżula.

6.1.3. Memo 138/10 – Kuntratt ġdid dwar il-provvista tas-servizzi tal-gwardjani lokali.

6.1.4 Memo 144/10 – Attivitajiet fil-lokalitajiet b’risq il-Malta Community chest Fund.

6.1.5. Memo 145/10 – Rapport ta’ l-Awditur {enerali dwar il-Kunsilli Lokali.

6.1.6. Memo 147/10 – ~ertifikat fil-qari tal-provi. Dan huwa kors ta’ sena li jwassal għaċ-ċertifikat fil-qari tal-provi bil-Malti.

6.1.7. Waslet ittra mingħand l-Asst. Principal ta’ dan il-Kunsill, Ms. Odette Camilleri, biex jiġi emendat żbal fil-ħlas tal-performance bonus tagħha. Il-preżenti qablu li s-Segretarju għandu jindaga dwar dan.

6.1.8. Waslet deċiżjoni mingħand il-Board ta’ Gvernanza Lokali dwar il-kwistjoni li inqalgħet bejn il-Kunsill u s-Sur Paul M. Cassar dwar sinjali tat-traffiku fi Triq il-Vajrinġa u Triq Sir Arturu Mercieca. Il-Board qabel mad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill.

6.1.9. Il-preżenti qablu mat-tiġdid tal-polza ta’ l-assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsill u l-ġarr tagħhom lejn il-bank.

6.1.10. Waslet talba mingħand Cornil Wambergue biex jistalla mobile wall f’postijiet fir-Rabat matul ċertlu ġranet tas-sena.

6.1.11. Waslet talba mingħand Franco Debono ta’ Triq Karlu Galea biex jinżabħu żewg double lines quddiem ir-restaurant u l-garage tiegħu. Il-Kunsill qabel li jgħaddi t-talba lill Transport Malta.

6.1.12. Talba oħra simili waslet mingħand is-Sur Philip Zammit li ukoll jabita fi Triq Karlu Galea biex isirulu double lines quddiem il-garage tiegħu minħabba li l-karozzi qed dejjem jistokolaw il-proprjeta’ tiegħu. Il-preżenti qablu li jitolbu ritratti tal-proprjeta’ imsemmija fl-ittra u wara din it-talba tgħaddi lill Transport Malta.

6.1.13. Is-Sur Giovan Cauchi ta’ Triq il-Kunsill Civiku qed ukoll jilmenta għal nuqqas ta’ parking signs fit-triq tiegħu bil-konsegwenza li isib diffikulta kbira biex iħott jew jgħabbi l-merkanzija tiegħu mill-garage fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li t-talba tgħaddi għand Transport Malta.

6.1.14. Is-Sur Chris Portelli qed jilmenta għala għadhom ma ġewx pprintjati *parking areas* ħdejn GR Supermarket u Tal-Lira Shop fi Triq il-Kapuccini biex jiġi evitat dak l-ostakolu kollu quddiem il-postijiet indikati.

6.1.15. Il-Kunsill qabel li jixtri siġra tal-Milied bl-LED’s għal ħdejn il-bieb tal-Banca.

6.1.16. Waslet informazzjoni mingħand is-Sur David Soler Authorised Officer tal-Joint Committee dwar talbiet għal-xogħol tal-wardens fil-lokalita’. Il-Kunsill insista li Triq Palma għandha tkun patrolled regolarment.

6.1.17. Inqrat ittra u ġiet diskussa mingħand id-Direttur James Wilberforce għan-nom ta’ The Fosse Way dwar exhibition permanenti fis-sede ta’ dan il-Kunsill. Din l-ittra tħalliet għal-deċiżjoni għal izjed ‘l quddiem.

6.1.18. Il-Perit Joseph Bondin f’isem il-klijent tiegħu John Pace qiegħed jissuġerixxi li ssir pedestrian crossing fi Triq Borg Olivier minħabba t-traffiku kontinwu li jgħaddi minnha. It-talba għaddiet lill Transport Malta għas-suġġerimenti tagħhom.

6.1.19. Is-*Selection Committee tan-National Enterprise Support Award* ma laqghax l-applikazzjoni tal-Kunsill għal dan l-award peress li dan l-award ma jingħatax lill individwi jew lill *Business Organisations.*

6.1.20. Wasal invit mingħand l-Arcipriet tal-Katidral ta' Għawdex fejn il-Kunsill ġie mistieden għal konċelebraazzjoni pontifikali tal-Milied nhar 24 ta' Diċembru.

6.1.21. Waslet talba mingħand is-Sur Silvano Saliba għal bozza addizzjonali fi Triq Wied is-Seqer. Din it-talba ser tiġi diskussa fl-ewwel laqgħa ma' l-Engineer Galea Curmi.

6.1.22. Wasal ilment mir-residenti ta' Triq Tmienja ta' Diċembru sottomess mis-Sur Josef Schembri dwar skart domestiku mormi wara residenzi ta' individwi fl-istess triq. Il-preżenti qablu li tintbagħat ittra lir-residenti ta' dik it-triq.

6.1.23. Fuq talba tad-Direttur ta' l-Arka Foundation għal għajnuna finanzjarja fl-għeluq l-10 Anniversarju mill-ftuħ ta' l-Arka, il-Kunsill qabel li ssir ġabra fl-ewwel avveniment tal-Kunsill.

6.1.24. Il-Kunsill ġie infurmat li s-sinjal isfar fi Triq 31 ta' Marzu quddiem l-proprjeta' Antida & Joe House gie appruvat minn Transport Malta.

6.1.25 Il-General Manager ta' l-Arkadia Marketing Ltd. qed jitlob lill Kunsill biex jeħlu żewġ lampi, waħda ħdejn l-entratura ta' l-iskola Agius de Soldanis in-naha ta' l-Arkadia u l-oħra fil-kantuniera ta' Triq Carlo Galea ma Triq Fortunato Mizzi.

6.1.26. Il-Kunsill għadda biex jiċċekja l-kontijiet li waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

a. Anton Vella Constructions: Xogħlijiet fi Pjazza Savina - Euro 605.38

b. Joe Grima – Storm water culvert at taċ-~awla – Euro 4036.43

Il-Kunsill għadu ser jindaga iktar dwar dan.

6.1.27. Il-perit tal-Kunsill ippreżenta l-formoli meħtieġa għal-quotation biex tinkesa bit-tarmac parti minn Triq Pompei.

6.1.28. Il-preżenti eżaminaw n-notifiki u applikazzjonijiet ġodda sottomessi mill-MEPA.

7. Mozzjonijiet f'isem il-membri

7.1. Tas-Sur Michael Buttiġieġ issekondata mit-Tabib Michael Portelli

Parking area fi Triq Gorg Borg Oliver. Il-preżenti qablu li jinfurmaw lill Wardens b'din id-diffikulta'.

7.2. Tas-Sur Michael Buittigieg issekondata mis-Sur Joe Debrincat.

Parking riservat għar-residenti fi Triq Karlu Galea. Il-preżenti qablu li jitolbu ghal-reserved parking area għar-residenti ta' dik it-triq.

7.3 Tibdil tal-bankina fi Triq 7 ta' {unju u xogħlijiet oħra konnessi magħha ssekondata minn Joseph Debrincat. Il-preżenti talbu stima tax-xogħol involut mingħand il-Perit tal-Kunsill.

7.4. Tat-Tabib Michael Portelli ssekondata minn Michael Buttiġieġ. Dan qed jissuġerixxi li mis-sena d-dieħla jibda jingħata s-servizz ta' tilqim kontra l-influenza Fl-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joffri dan is-servizz bħal ma jsir f'Kunsill oħra

7.5 Tat-tabib Michael Portelli ssekondata mis-Sindku, Dr. Samuel Azzopardi. Dan qed jitlob li s-sitwazzjoni prekarja li jinsabu fiha r-residenti ta' Triq Gedrin u Triq Dawwara tiġi għan-normal fl-inqas żmien possibbli. Is-Sindku nforma lill-preżenti li d-Dipartiment għas-servizzi ta' l-Ilma ilu li ġie nnotifikat b'dan l-inkonvinjent minn dan il-Kunsill. Issa nerġgħu nuwru d-disapprovazzjoni tagħna għal dan l-aġir irrisponsabbli u minn fejn qed jiġi ikkreat.

8. Materji oħra

8.1 Is-Sur Joseph Debrincat u sħabu lmentaw dwar il-friegħi twal tas-siġar tal-palm li hemm fis-central strip fi Triq Dr. Anton Tabone u li qegħdin jostakulaw lix-xufiera tal-karozzi. Is-Segretarju ġie ordnat jinforma lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura.

8.2 Is-Sur Joe Debrincat issuggerixxa biex meta jkun hawn il-President b'konnessjoni mal-ġbir għal Community Chest Fund fis-26 ta' Dicembru, nistednuh għal-żjara l-Uffiċċu tal-Kunsill. }add ma sab oġġezzjoni.

8.3 Is-Sur Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni ta' sħabu għall-istat fqir tal-pitch tal-boċċi. Il-preżenti qablu li jaraw x'hemm bżonn u l-ispiża nvoluta.

8.4 Is-Sur Buttiġeiġ ressaq ukoll abbozz ta' pittura ta' żagħugħ Għawdxi.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 pm u ġiet aġġornata għal-nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2011 fis-5.30 pm.

Samuel Azzopardi Anton Zammit

Sindku a/Segretarju Eżekuttiv